# IGNAZIO CEFAI (1894-1981)
## ARTIST FURJANIŻ LI MA KIENX APPPREZZAT BIŻŻEJJED

*Kitba tas-Sur Publio Agius*

Ħafna drabi jiġri li artisti li jaħdmu fis-satra ta' djarhom u ma jqisux lilhom infushom prużuntużi fil-qasam artistiku ftit ikunu apprezzati f'ħajjithom u l-ħila tagħhom tista' tgħid tkun apprezzata l-aktar wara mewthom.

Personalita` Furjaniża li għadda minn din l-esperjenza hu l-artist Furjaniż Ignazio Cefai jew aħjar Nazju kif kien aktar magħruf. Kien joqgħod f'dar (illum) Numru 9, Triq Leone, Floriana. Jiena sirt nafu meta kien diga` mdaħħal fl-eta`. Sfortunatament ma tantx kien isib ma' min jikkomunika, peress li kellu problema ta' smigħ. Pero` l-Mulej ħadlu ħaġa u tah don ieħor li permezz tal-kapaċita` artistika tiegħu għadu ħaj fl-opri tal-arti tiegħu li ħafna minnhom jinsabu fi djar privati kif ukoll fil-Mużew tal-Arti fil-Belt Valletta.



*Ingnazio Cefai*

Nazju kien skultur tajjeb u l-ispeċjalita` tiegħu kienet id-dekorazzjoni bl-istukko partikolarment fil-knejjes. Eżempju ta' dan hu x-xogħol tal-istukko li sar minnu stess fil-knisja tagħna. Xogħlijiet oħra ta' valur artistiku jinsabu f'kollezzjonijiet privati.

Cefai jibqa' magħruf magħna l-Furjanizi għax-xogħol delikat u ta' preċiżjoni fil-pedistall tal-vara ta' San Publju li hu ħadem mill-ġdid wara li fl-attakk mill-ajru fuq il-knisja tat-28 t'April 1942, il-pedistall inqered għal kollox.

Fil-kitbiet tiegħu Antonio Agius (1899-1987), ħabib kbir ta' Nazju, jirrakkonta li kien irrakkomanda lill-Arċipriet ta' dak iż-żmien Dun Angelo Ghigo biex javviċina lil Nazju, u jistaqsih jekk kienx ippreparat li jidħol għall-biċċa xogħol




tal-pedistall. Meta kellmu dlonk aċċetta u għamilhielu ċara li kien ser jaħdem din il-biċċa xogħol mingħajr ħlas, bħala kontribut tiegħu lill-knisja ta' San Publju. Kien ħareġ ukoll minn butu l-ispejjeż (6 liri) taċ-ċirku tal-ħadid li kien jgħaqqad il-qafas tal-pedistall.

Bosta kienu l-artisti sħabu li kienu jagħtuh titwila fl-oratorju tal-Fratellanza tas-SSmu. Sagrament u ta' San Publju, waqt ix-xogħol fuq il-pedistall. Cefai, ikompli Agius, seta' jibni l-pedistall kif kien qabel permezz ta' 3

ritratti meħudin minn 3 angoli differenti, li l-istess Agius kellu fid-dar tiegħu li kienet nofsha mġarrfa bil-gwerra, u li fuqhom Cefai seta' jistudja d-dettalji tal-personaġġi fuq il-pedistall kif kienu qabel. Ir-ritratti nħarrġu mit-tifrik tad-dar (fejn illum joqgħod Dun Pawl Camilleri) minn Agius stess b'riskju kbir għal ħajtu, peress li fejn kienu jinsabu r-ritratti kien hemm it-travi mdendlin. Cefai kellu wkoll mudell tal-pedistall fuq xiex jara maħdum mill-istess Agius, li kien parti mill-istatwa ta' San Publju li kien jintuża waqt il-festa tat-tfal tac-Circolo Giovanile San Publju.

Cefai kemm -il darba kien jistqarr ma' Agius, kemm kien iħossu ddispjaċut li x-xogħol tiegħu ma kienx apprezzat biżżejjed, speċjalment meta kien lesta l-pedistall tal-vara biex dan seta' jitpoġġa magħha. Forsi r-raġuni tista' tkun li minħabba s-sbuħija u l-ġmiel tagħha, il-vara ta' San Publju, opra maħduma minn Vincenzo Dimech, kienet tiżboq u tiddomina l-opra kollha. Jista' jagħti l-każ ukoll li Cefai ħassu ffastidjat li waqt li kien qed jaħdem il-pedistall, kien imwiegħed rigal (arloġġ tad-deheb) li baqa' ma wasalx, anke wara li kien lesta l-opra tiegħu.




Ignazio Cefai kien irregala skultura ta' wiċċ zijuh lill-FSOBIANS biex tibqa' tifkira tiegħu fil-klabb. Ħadem ukoll bust imdaqqas tal-Gran Mastru Antonio Manoel De Vilhena, li jinsab fil-każin tal-Banda De Vilhena, fi Triq Sant'Anna, il-Floriana.

Ignazio Cefai kien ingħata t-Tonna Trophy fil-1980 u wara mewtu kien ħalla xi opri li kellu, lill-gvern biex jitpoġġew ma' opri artistiċi oħra fil-Muzew tal-Arti fil-Belt Valletta.

Għalkemm wara mewtu, l-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta ħadet l-inizjattiva biex tpatti xi ftit għad-diżappunt ta' Cefai, u kienet rregalat lill-knisja ta' San Publju, plakka li tfakkar l-opra tal-pedistall maħdum minn Cefai biex titwaħħal ma' ġewwa tal-pedistall. B'dan il-mod forsi tal-anqas l-Istorja tkun qed tagħmel ġustizzja ma' dan l-artist Furjaniż li ħabb u ddedika l-opra tal-pedistall tal-vara, lil pajjiż twelidu, li tant kien iħobb.